Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VII/20*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 20 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Seba' Terminu), li nżammet nhar il-Ġimgħa 29 ta' Awwissu, 2014 fis-7.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku l-Av. Daniel Attard.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sinjura Alexandra Maria Mifsud | Kunsilliera |

Preżenti kien hawn ukoll l-Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ is-Sur Mario Mizzi.

## 1. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Approvazzjoni tal-Minuti 7-19

Il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. Attivita fl-okkażjoni ta' Jum L-Għasri

Is-Sindku ippropona li l-attivita ta' Jum l-Għasri (it-28 ta' Settembru) tiġi ċelebrata s-Sibt 27 ta' Settembru. Kif sar fis-snin preċedenti l-Kunsill qabel li l-attivita' tibda b'Quddiesa fil-Knisja Parrokjali u wara ikun hemm ikla fil-pjazza fejn anke ikun hemm l-entertainment. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu jikkordina ix-xogħol meħtieġ li jsir biex tiġi organizzata din l-attivita. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jikkonsidra sabiex għat-tieni sena konsekuttiva jagħti l-Premju Ġieħ L-Għasri. Deċiżjoni finali dwar dan il-premju se tittieħed fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

## 4. Komunikat minn Mario Mizzi – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Mario Mizzi informa lill-Kunsill li il-Kunsill taż-Żgħażagħ issa twaqqaf u anke saret l-ewwel laqgħa fil-preżenza tas-Sindku. Peress li r-raħal tagħna huwa wieħed żgħir l-istess Kunsill taż-Żgħażagħ ser ikun iservi ukoll bħala l-Kunsill Parrokkjali taż-Żgħażagħ. L-Ambaxxatur qal li dan il-Kunsill diġa

beda jaħdem u qed jorganizza l-ewwel attivita għaż-żgħażagħ. Fil-fatt is-Sibt 30 ta' Awwissu ser issir ħarġa għal Malta fejn se jattendu madwar għoxrin żgħażugħ/żgħażugħa. Il-Kunsill taż-Żgħażagħ qed jieħu ħsieb il-paġna tal-Facebook tal-Kunsill tal-Għasri kemm taż-Żgħażagħ kif ukoll tal-Kunsill u anke tal-Parroċċa.

L-Ambaxxatur Mario Mizzi informa lill-Kunsill li l-membri tal-Kunsill taż-Żgħażagħ huma Staphanie Formosa (Viċi President), John Xerri (Segretarju), Savio Saliba (Activities Coordinator), Juanita Debrincat (Social Policy Officer) u Mario Mizzi (President).

Il-Kunsill taż-Żgħażagħ daħal membru ukoll fil-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ u fir-Royal Commonwealth Youth Society. Dan il-Kunsill mistenni li jkompli jiltaqa' darba fix-xahar.

Is-Sindku f'isem il-Kunsill irringrazzja lil Mario Mizzi tax-xogħol li qed jagħmel u ħeġġeġ lill-Kunsill taż-Żgħażagħ sabiex ikomplu jaħdmu għal ġid tar-raħal tagħna speċjalment fost iż-żgħażagħ. Il-Kunsill minn naħa tiegħu se jgħin sa fejn huwa possibbli biex dan il-Kunsill taż-Żgħażagħ ikun ta' suċċess.

## 5. Korrispondenza

5.01 Memo 23/2014 – Manutenzjoni tas-Sinjali u Markings tat-Toroq u tas-Sleeping Policemen.

5.02 Memo 24/2014 – Applikazzjonijiet pendenti quddiem l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (Il-MEPA).

5.03 Il-Kunsill kien kiteb lil Eileen Vella (Senior Pharmacist and Nutitionist li huwa interessat li isiru il-laqgħat dwar is-saħħa fil-lokalita tagħna. Eileen Vella ikkonfermat numru ta' laqgħat li jistgħu isiru. Il-Kunsill qabel li isiru dawn il-laqgħat u għalhekk ser isir ix-xogħol meħtieġ biex dawn ikunu jistgħu jibdew isiru minn Ottubru 'l quddiem.

5.04 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar diversi emails li għaddew bejn il-Kunsill u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dwar xogħolijiet fi Triq Gallina relatati mal-Miżura 125. Peress li l-WSC kienu għadhom ma iffirmawx l-LA biex il-kuntrattur ikun jista' jibda ix-xogħol is-Sindku kiteb ukoll lill-Ministru L-Onor. Konrad Mizzi u ikkuppjaha lis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Stefan Buontempo u L-Onor. Ian Borg. Ftit tal-jiem wara l-WSC ħarġu u iffirmaw l-LA. Għalhekk ix-xogħol fi Triq tal-Gallina issa jista' jibda.

## 6. Ħlas ta' Kontijiet

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-20 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 7. Materja oħra

7.01 Il-Kunsillier Joseph Farrugia informa lill-Kunsill li Medju Farrugia miż-Zebbuġ talab biex jitranġa ħajt fl-inħawi ta' Triq Wied L-Għasri peress li kien iġġarraf u qiegħed perikoluż. Il-Kunsill qabel li nitolbu stima għax-xogħol li jrid isir.

7.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill li fit-2 ta' Awwissu kien iltaqa' ma' Joe Attard ta' Greenmt. Preżenti kien hemm is-Segretarju Eżekuttiv ukoll. Ġew diskussi il-pendenzi li hemm bejn il-Greenmt u l-Kunsill. Joe Attard għandu jibgħat ftehim ġdid biex ikun approvat mill-Kunsill u wara jiġi iffirmat. Sadanittant huwa għandu jibgħat il-boroż il-ġriżi. Il-Kunsilliera Alexandra Maria Mifsud ġibdet l-attenzjoni li xi persuna jew persuni qed jarmu l-iskart ma' ġenb il-Bring in Sites. Is-Sindku qal li waqt id-diskussjoni ma' Greenmt ġiet diskussa wkoll il-possibilta li Greenmt tibda tiġbor il-ħġieġ minn wara l-bieb u jitneħħew il-Bring in Sites. Dan l-aħħar qed ikolna ħafna ilmenti dwar il-Bring in Sites. Is-Segretarju informa lill-Kunsill li James Farrugia ta' Triq il-Fanal kien ilmenta wkoll dwar dawn il-B.I.S. u issuġġerixxa li jitneħħew ukoll. Il-Kunsill qabel li għandna inkomplu niddiskutu ma' Greenmt u jekk naslu għal ftehim li jinkludi l-ġbir tal-ħġieġ minn wara l-bieb, il-proposta li jitneħħew il-Bring in Sites tiġi ikkunsidrata.

7.03 Is-Sindku informa lill-Kunsill li Anna DeBarro ta' Sqaq fi Triq il-Knisja talbet biex issir tabella li tindika li l-isqaq ta' Triq il-Knisja ma jinfidx ma' triq oħra u għalhekk vetturi li jitilgħu f'dan l-isqaq iridu jerġgħu lura. Hija talbet ukoll li fin-naħa ta' fuq tal-istess sqaq tinkiteb 'Keep Clear' biex ħadd ma jipparkja. Dan għar-raġuni li m'hemmx spazju biżżejjed biex jipparkjaw f'dan l-isqaq għax jostakolaw lil min ikun irid jitla' jew jinżel. Il-Kunsill qabel li it-tabella li tindika li t-triq ma tinfidx għandha issir. Dwar il-proposta biex tinkiteb 'Keep Clear' il-Kunsill qabel li nitolbu l-approvazzjoni tal-Transport Malta. Is-Sindku qal ukoll li Anna DeBarro kienet issuġġeriet sabiex il-Kunsill iqassam pots bix-xtieli lir-residenti u b'hekk insebbħu l-ambjent.

7.04 Noel Mintoff ta' Triq Salvu Gambin talab biex issir il-bankina mal-post tiegħu. Peress li din it-triq hija dejqa l-Kunsill qabel li issir bankina żgħira. L-istima tal-bankina hija ta' €177. L-istima hija ibbażata mir-rati tal-kuntratt li għandna mal-Kuntrattur Anthony Mintoff dwar Hire of Plant and Machinery. Il-Kunsill qabel li għandu jsir dan ix-xogħol

7.05 Rose Ċini ta' Ċini Aprtments Triq il-Knisja talbet biex isir ftit siment taħt il-bankina peress li qed jitla' l-ħaxix ħażin. Il-Kunsill qabel li isir dan ix-xogħol minn Spiru Farrugia.

7.06 Baskal Saliba mir-Rabat talab sabiex jingħata il-konkos fir-rampa li huwa għamel fl-egħlieqi tiegħu fl-inħawi ta' Triq Wied L-Għasri. Il-Kunsill ma' qabilx li għandu jagħmel xi xogħol b'konnessjoni ma' din ir-rampa peress li qegħda fil-privat.

7.07 Joe Saliba miż-Żebbuġ talab biex titranġa rampa fi Triq Wied L-Għasri peress li tinsab fi stat perikoluż u jekk tiġġarraf tista' tagħlaq it-triq. Il-Kunsill qabel li jsir ix-xogħol meħtieġ biex jitneħħa kull periklu.

7.08 George Zammit mir-Rabat ilmenta dwar l-istat ta' Triq Wied Sara u talab biex isir ftit patching. Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-istima biex isir dan il-patching hija ta' €342.20. L-istima hija ibbażata mir-rati tal-kuntratt li għandna mal-Kuntrattur Anthony Mintoff dwar Hire of Plant and Machinery. Il-Kunsill qabel li għandu jsir dan ix-xogħol.

7.09 Il-Kunsillier Frankie Formosa informa lill-Kunsill li ħajt fi Triq il-Fanal qed jiġġarraf u għalhekk hemm bżonn li jitranġa u issir rampa fl-istess inħawi sabiex il-bdiewa ikunu jistgħu jgħaddu għall-egħlieqi tagħhom. L-istima biex

isir it-taħmil u ġarr ta' terrapien żejjed hija ta' €224.20. L-istima hija ibbażata mir-rati tal-kuntratt li għandna mal-Kuntrattur Anthony Mintoff dwar Hire of Plant and Machinery. Il-Kunsill qabel li għandu jsir dan ix-xogħol.

7.10 Is-Sindku ippropona li kif għamilna s-sena l-oħra nerġgħu norganizzaw it-trasport għat-tfal li jattendu l-iskejjel tal-Knisja. Dan għar-raġuni li dawn jibdew u jispiċċaw f'ħinijiet differenti mill-iskejjel tal-Gvern u għalhekk ma' jkollhomx trasport provdut. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill jissussidja l-istess ammont bħas-sena l-oħra jiġifieri €708 għal sena skolastika sħiħa u l-kumplament jitħallas minn dawk li se jagħmlu użu mit-trasport. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk ser isiru l-kuntatti sabiex jiġi organizzat dan it-trasport.

7.11 Is-Sindku informa lill-Kunsill li Jeffrey Zammit li joqgħod Għajnsielem u għandu post fi Sqaq tal-Qattus talab sabiex jitranġa l-isqaq peress li hemm parti fejn iżomm l-ilma tax-xita. Huwa lest li jagħmel ix-xogħol huwa stess jekk jingħata l-materjal ta' konkos. Peress li dan huwa sqaq ikun hemm bżonn li jintuża d-dumper. Il-Kunsill qabel li nagħtuh il-konkos sabiex isir ix-xogħol meħtieġ.

7.12 Is-Sindku informa lill-Kunsill li James Mercieca li għandu bżonnijiet speċjali huwa interessat li jaħdem mal-Kunsill taħt l-iskema LEAP Project – Building the Future Together, Promoting Social Mobility tal-European Social Fund. Din l-iskema tħallas l-ispejjeż kollha u għalhekk il-Kunsill ma jkollu ebda piż finanzjarju fuqu. Il-Kunsill qabel li nipproċedu sabiex James ikun jista' jibda jaħdem mal-Kunsill.

7.13 Is-Sindku ippropona sabiex norganizzaw attivita ta' Camping u BBQ għal 20 u 21 ta' Settembru. Huwa qal li diġa iddiskuta din l-attivita mal-Kunsill taż-Żgħażagħ li ser ikunu qed jorganizzaw flimkien miegħu din l-attivita. Din l-attivita ser issir ir-Ramla. Il-Kunsill se joħroġ l-ispejjeż tat-trasport biss. Il-Kunsill qabel li għandha issir din l-attivita.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar il-Ġimgħa 19 ta' Settembru, 2014 fis-7.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-8.00p.m.

Av. Daniel Attard
Sindku

Ruben Cassar
Segretarju Eżekuttiv